**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Chantelle Buttigieg**

**Vs**

**Prodoor Malta**

**CCT 25/24/MM**

**Illum,** 5 ta' Novembru 2024

**It-Tribunal,**

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Jannar 2024 fejn ir-rikorrenti talbet li s-soċjeta' intimata tiġi ordnata tonora l-obbligi tagħha naxxenti minn *quotation* li hija bagħtel matul il-Black Friday week.

Ra r-rispsota tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż diversi korrispondenza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti tispjega li nhar is-17 ta' Novembru 2023 hija rċiviet quotation li kienet valida għal tletin (30) ġurnata. Hija ħallset nofs il-prezz kif kienet mitluba fil-bidu ta' Diċembru 2024 iżda sussegwentement hija ġiet infurmata li l-quotaiton ma kienietx għada valida stante li l-ordni tagħha kellha tiġi konfermata sal-aħħar ta' Novembu 2023 stante li din kienet promozzjoi speċjali abbinata mal-offertai tal-Black Friday.

Illi s-soċjeta' intimata irrispondiet billi qalet li l-email li ntbagħtet kienet turi biċ-ċar li l-ordni tagħha kellha tiġi konfermata sal-aħħar ta' Novembu 2023 billi jsir il-ħlas tad-depożitu. Madanakollu hija aċċettat li tagħmel eċċezzjoni u tonora l-*quotation*.

Illi t-Tribunal jinnota mill-ewwel li s-soċjeta' intimata għandha parti mit-tort li l-ilment tar-rikorrenti kellu jispiċċa quddiem dan it-Tribunal stante li hemm difett fil-komunikazzjoni u ċioe' li l-kontenut tal-email jgħid mod filwaqt li l-quotation li kienet hemm attached fl-istess email tgħid mod ieħor. Illi kieku s-soċjeta' intimata għarfet mill-ewwel in-nuqqas tagħha ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li dawn il-proċeduri jitwalu bla bżonn.

Illi t-Tribunal jinnota li hemm diskrepanza bejn it-talba u x-xhiedha tar-rikorrenti stante li matul il-kawża r-rikorrenti bidlet il-opożizzjoni tagħha u issa qegħda titlob rifużjoni tad-depożitu u ma tridx taħdem mas-soċjeta' intimata. Illi madanakollu r-rikorrenti ma għamlet l-ebda korrezzjoni għat-talba tagħha.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehema li minkejja kollox, dan it-Tribunal huwa marbut mat-talbiet kif magħmula u xejn iżjed. Illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni mis-soċjeta' intimata, it-Tribunal ser jagħddi biex jilqa' t-talba kif dedotta.

**Decide**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti

Il-kawża tibqa mingħajr taxxa.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**